MALTA

# QORTI KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-2 ta' April, 2003

Numru 265/2003

**Il-Pulizija –**
**Spettur Mario Tonna**

**VS**

**Paul Ellul**

**IL-QORTI :**

1. Rat l-Akkuża miġjuba kontra PAUL ELLUL li biha l-imputat kien imputat li bejn l-1 (ewwel) ta’ Frar u s-6 (sitta) ta’ Marzu 2003, matul il-ġurnata ġewwaresidenza ‘Villa Seychells’, Triq il-Qasab San Ġwann, ikkommetta serq ta’ oġġetti ta’ deheb u fidda għad-danni ta’ John Seychell Navarro liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-persuna, lok u dan ai termini ta’ l-Artikolu 261, 267, 268 (a) (b), 269, u 279 (a) tal Kapitolu 9 (disa’) tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Semgħet l-Ispettur jaqra l-Akkuża taħt ġurament

3. Għamlet l-eżami ta' l-imputat skond kif hemm pprovdut fil-Liġi, wara li tatu t-twissija rikjesta mill-Liġi.

4. Tat- ħin biżżejjed biex l-imputat jaħsibhasew dwar ir-risposta li ta'.

5. Tikkunsidra li l-Akkuża ġiet ippruvata minħabba l-ammissjoni ta' l-imputat.

6. Rat id-dokumenti eżebiti mill-Ispettur mmarkati Dok. MT1, Dok. MT2, Dok. MT3, Dok. MT4, Dok. MT5, Dok. MT6.

7. Rat l-Artikoli 261, 267, 268 (a) (b), 269, u 279 (a) tal Kapitolu 9 (disa') tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Rat ukoll l-Artikolu 392 A tal-Kapitolu 9 (disa') kif emendati.

9. Qieset li l-ammont ta' l-oġġetti misruqa jaqbżu il-100 (mitt) Lira Maltija u li jeżistu l-aggravji skond l-Akkuża.

10. Qieset li l-imputat ikkorobora mall-pulizija u li parti mill-oġġetti misruqa rritornhom huwa stess waqt li indika wkoll persuni oħra li kienu xtraw ir-refurtiva.

11. Tikkundanna lill-imputat għal sentejn (2) ħabs sospiżi għal tliet (3) snin.

12. Spjegat ukoll lill-imputat xi tfisser din is-sentenza b'termini sempliċi.

**MAĠ. LAWRENCE QUINTANO, B.A. (HONS.), M.A., LL.D.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------